# L-Impenn u l-Imħabba lejn il-Mellieħa jkomplu jmexxuna ’l quddiem



*Robert Cutajar*
**Sindku**

Il-Festa tal-Bambina reġgħet magħna u għal darb’oħra reġa’ mess lili bħala Sindku tal-Mellieħa li naqsam magħkom ftit ħsibijiet fuq dan il-fuljett tas-Soċjetà Mużikali Imperial. Is-sena li ninsabu fiha hija waħda ddedikata għall-volontarjat – valur li għall-grazzja t’Alla fil-Mellieħa huwa mifrux sew.

F’messaġġ bħal dan, għal okkażjoni bħal din, inħoss li huwa obbligu tiegħi li nirringrazzja lill-membri ħabrieka ta’ din is-soċjetà għall-kontribut tagħkom b’risq il-komunità Melleħija. Is-sehem tagħkom ma tagħtuhx biss f’dawn il-jiem tal-festa iżda wkoll kull meta ġejtu msejjħa biex tipparteċipaw fid-diversi attivitajiet li jorganizza l-Kunsill Lokali minn żmien għal żmien - bħall-Iljieli Melleħin, Il-Milied Mellieħi u l-Festa ta’ San Ġwann tal-Ħġejjeġ.

Irrid nuri l-apprezzament tiegħi wkoll għall-preżenza ta’ din is-soċjetà – anke bis-sehem tal-banda - flimkien ma’ numru sabiħ ta’ għaqdiet oħra għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta’ Ġnien il-Volontarjat. Din kienet waħda mill-attivitajiet ta’ Jum il-Kunsill 2011 fi Frar li għadda, meta l-Kunsill ried bil-fatti jirrikonoxxi l-ħidma volontarja b’risq ir-raħal u l-komunità tal-Mellieħa billi ddedika dan il-post ta’ rikreazzjoni għall-ħidma volontarja fil-Mellieħa.

Parti mill-gost ta’ dawn il-jiem ta’ festa huwa li, forsi aktar minn drabi oħra, niltaqgħu ma’ xulxin u naqsmu bejnietna dak kollu li nkunu qed nagħmlu. Dan jgħodd kemm għalina bħala residenti u anke bħala għaqdiet. Hija x-xewqa tiegħi u tal-Kunsill Lokali li nżommu dan il-kuntatt u li jibqa’ jissaħħaħ tul is-sena kollha. Ġieli ngħidu: “Jalla l-festa tiġi s-sena kollha!” U hekk hu. Jien nappella lill-poplu Mellieħi biex mhux biss f’dawn il-jiem tal-festa, iżda anke għall-kumplament, inkomplu nuru ħbiberija sinċiera u rispett lejn xulxin. Ma’ dan, m’għandux jonqos li nħobbu lir-raħal sabiħ tagħna u l-impenn sħiħ lejn din il-lokalità għandu jisboq fuq kull interess ieħor. Dawn huma l-valuri li ninsab ċert li għaqdiet bħas-Soċjetà Mużikali Imperial iħaddnu u jipprattikaw u li bihom biss il-Mellieħa għażiża tagħna tista’ tkompli miexja ’l quddiem.

Nagħlaq billi f’isem sħabi l-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali nawgura l-festa t-tajba lill-membri kollha li jiffurmaw is-Soċjetà Mużikali Imperial. L-istess awguri jmorru wkoll għal ħutna l-emigranti li f’dawn il-jiem jinsabu fostna biex flimkien magħna jgawdu l-ferħ li ġġib magħha l-festa tal-Vitorja.

Viva Marija Bambina

George’s Bakery

22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd